# MALTA

## ATT Nru. XIII ta' l-1980

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 12.**

## ACT No. XIII of 1980

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Criminal Code, Cap. 12.**

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

Anton Buttigieg
President

11 ta' April, 1980

# ATT Nru. XIII ta' l-1980

*ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 12.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li jemenda l-Kodiċi Kriminali, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 13 tal-liġi prinċipali.

**2.** Minflok l-artikolu 13 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"13. (1) Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-*maximum* tal-multa huwa ħames mitt lira u l-*minimum* għaxar liri.

(2) Meta l-*maximum* ta' multa stabbilit f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra jkun inqas minn għaxar liri, il-*maximum* ikun għaxar liri u l-*minimum* ħames liri.

(3) Il-multa, meta ma titħallasx fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 16, tinbidel fi priġunerija bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħames liri:

Iżda f'ebda każ (ħlief f'dak imsemmi fil-paragrafu (ġ) ta' l-artikolu 19 u fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30) il-priġunerija minflok il-multa m'għandha tiskorri ż-żmien ta' tliet xhur jekk il-multa ma tkunx aktar minn elfejn lira, sitt xhur jekk il-multa ma tkunx aktar minn għaxart elef lira, sena jekk il-multa ma tkunx aktar minn tletin elf lira u tmintax-il xahar jekk il-multa tkun aktar minn tletin elf lira.".

Emenda ta' l-artikolu 15 tal-liġi prinċipali.

**3.** L-artikolu 15 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-

*maximum* ta' l-ammenda huwa ħamsa u għoxrin lira u l-*minimum* tliet liri."; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ħamsin ċenteżmu" għandhom jidħlu l-kliem "ħames liri".

**4.** Minnufih wara l-artikolu 195 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' artikolu ġdid 195A mal-liġi prinċipali.

"Dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika.

195A. Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal xi ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:

Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.".

**5.** Fl-artikolu 239 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "ħames mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn lira". Emenda ta' l-artikolu 239 tal-liġi prinċipali.

**6.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 240 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 240 tal-liġi prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "mitejn u ħamsin lira" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "mija u ħamsa u għoxrin lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħames mitt lira".

**7.** Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 245 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 245 tal-liġi prinċipali.

"(1) Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu ta' qabel dan, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel —

(a) jekk tkun ġrat il-mewt —

(i) minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali li tinqala' wara, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena;

(ii) minħabba xi kawża aċċidentali li tinqala' wara u mhux minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur;

(b) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 232, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur;

(ċ) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 232, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur;

(d) jekk l-offiża ssir gravi minħabba kawża aċċidentali li tinqala' wara —

(i) il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu;

(ii) il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (ċ) ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 280 tal-liġi prinċipali.

**8.** Fl-artikolu 280 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "ħamsin lira" għandhom jidħlu l-kliem "mitt lira".

Emenda ta' l-artikolu 291 tal-liġi prinċipali.

**9.** Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 291 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "ħames liri" għandhom jidħlu l-kliem "għaxar liri".

Emenda ta' l-artikolu 292 tal-liġi prinċipali.

**10.** L-artikolu 292 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "ħames mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "ħames mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira".

Emenda ta' l-artikolu 342 tal-liġi prinċipali.

**11.** L-artikolu 342 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "ħamsin lira" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira"; u

(b) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "ħamsa u għoxrin lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħames mitt lira".

Emenda ta' l-artikolu 382 tal-liġi prinċipali.

**12.** L-artikolu 382 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kelma "sentejn" għandhom jidħlu l-kliem "erba' snin";

(b) minflok il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) Jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, l-akkużat iwieġeb illi huwa m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha tinnota t-tweġiba fil-proċess u malli tagħmel hekk il-Qorti tkun kompetenti li tittratta l-każ ta' l-akkużat u għandha tagħti s-sentenza minnufih, kif provdut fl-artikolu 389.";

(ċ) minflok il-paragrafu (e) tas-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(e) Meta n-numru ta' l-akkużati mibgħuta biex ikunu iġġudikati mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu jkun tnejn jew iżjed, id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar paragrafu qabel dan għandhom japplikaw biss dwar dak il-wieħed jew iżjed mill-akkużati li jagħmlu oġġezzjoni illi l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, u f'dan il-każ iż-żmien stabbilit fl-artikolu 444 sabiex jiġi ppreżentat l-att ta' l-akkuża jibda jgħodd minn dak inhar li fih l-Avukat Ġenerali jkun irċieva l-proċess wara li s-sentenza f'kull każ li jkun ġie trattat bi proċedura sommarja jkun għadda b'ġudikat."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) (a) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jekk id-delitt li bih l-imputat ikun akkużat huwa wieħed li għalih hemm piena ta' priġunerija għal żmien ta' aktar minn sitt xhur iżda mhux aktar minn erba' snin, il-Qorti għandha, waqt l-eżami ta' l-akkużat skond l-artikolu 404 iżda qabel ma jiġi eżaminat skond il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu, tis-

taqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; u l-Qorti għandha tagħtih żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.

(b) Jekk, matul l-imsemmi żmien, l-akkużat iwieġeb li huwa m'għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha tistaqsi lill-uffiċjal prosekutur jekk l-Avukat Ġenerali jkunx ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, u jekk ma ssir ebda oġġezzjoni, il-Qorti għandha tinnota dan il-fatt fil-proċess u malli tagħmel hekk il-Qorti tkun kompetenti li tittratta l-każ ta' l-akkużat u għandha tipproċedi skond hekk:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem li żżomm lill-Qorti milli tipproċedi bil-kompilazzjoni meħtieġa jekk mill-provi jkun jidher li sar delitt li jaqbeż il-kompetenza tagħha.".

**13.** Minnufih wara s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 402 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 402 tal-liġi prinċipali.

"(6) Il-Qorti tista', wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, *ex officio,* tordna li t-tweġibiet mogħtija mix-xhud, jew is-sustanza tagħhom, jittieħdu bl-istenografija minn stenografi maħturin għal hekk jew jiġu reġistrati b'mezzi elettromanjetiċi. In-noti ta' l-istenografat għandhom jittieħdu b'inka li ma titħassarx u jkunu ffirmati fuq kull paġna mill-istenografi u flimkien mat-traskrizzjoni għandhom, fl-oriġinal, jidħlu fl-attijiet tal-kawża. Ir-reġistrazzjoni elettromanjetika għandha tiġi traskritta taħt id-direzzjoni tar-Reġistratur u t-traskrizzjoni għandha tidħol fl-attijiet tal-kawża. F'kull każ, it-traskrizzjoni tista' tkun miktuba bl-idejn jew bit-*typewriter* u għandha tinqara lix-xhud, matul is-seduta jew wara, mir-Reġistratur li għandu jniżżel nota ta' dak il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni.".

**14.** L-artikolu 404 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 404 tal-liġi prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jekk missieru hux ħaj jew mejjet, u mbagħad il-Qorti tistaqsieh jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-akkuża" għandhom jidħlu l-kliem "jekk missieru hux ħaj jew mejjet";

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) Il-Qorti għandha tistaqsi lill-akkużat jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-akkuża."; u

(ċ) minflok is-subartikolu (5) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Jekk l-imputat jibqa' sieket, il-Qorti għandha tniżżel bil-miktub din iċ-ċirkostanza u tibda tisma' l-kawża bħallikieku l-imputat kien stqarr li mhux ħati.".

**15.** Fl-artikolu 413 tal-liġi prinċipali, minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 413 tal-liġi prinċipali.

"(1) Il-kumpilazzjoni għandha tingħalaq fi żmien xahar, illi, għal raġuni tajba, jista' jiġi mġedded mill-President għal perijodi oħra kull wieħed minnhom ta' xahar, u kull tiġdid bħal dan għandu jsir fuq talba bil-miktub magħmula mill-Qorti:

Iżda ż-żmien fuq imsemmi m'għandux b'kollox jiġi hekk imġedded għal aktar minn tliet xhur:

Iżda wkoll kemm-il darba ma jkunx ingħata l-ħelsien mill-arrest, l-akkużat għandu jinġieb quddiem il-Qorti għall-anqas darba kull ħmistax-il ġurnata sabiex il-Qorti tiddeċiedi jekk għandux jibqa' arrestat.".

Emenda ta' l-artikolu 444 tal-Liġi prinċipali.

**16.** Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 444 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) L-Avukat Ġenerali għandu ż-żmien ta' xahar biex jippreżenta l-att ta' akkuża, illi jibda jgħodd minn dak inhar li jirċievi l-attijiet imsemmijin fl-artikolu ta' qabel dan. Dan iż-żmien għandu, fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali, jiġi mġedded mill-Qorti għal ħmistax-il jum ieħor, u, egħluq dan iż-żmien, mill-President għal ħmistax-il jum ieħor, u, meta l-fatt ikun tali illi biex tinsab ix-xorta sewwa tar-reat ikun meħtieġ bilfors li jgħaddi żmien aktar twil, għal dan iż-żmien itwal:

Iżda, jekk dan iż-żmien itwal jaqbeż erbgħin jum, l-imputat għandu l-jedd li jiġi meħlus mill-arrest taħt garanzija.".

Emenda ta' l-artikolu 445 tal-Liġi prinċipali.

**17.** Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 445 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "tnax-il ġurnata" għandha tidħol il-kelma "xahar".

Emenda ta' l-artikolu 511 tal-Liġi prinċipali.

**18.** Fl-artikolu 511 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied il-proviso li ġej fit-tarf tiegħu:

"Iżda proċessi verbali għandhom jintwerew u kopji tagħhom jingħataw biss fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali u bil-ħlas ta' dawk id-drittijiet li jitlob, wara li jqis l-ispejjeż li jkunu saru.".

Emenda ta' l-artikolu 540 tal-Liġi prinċipali.

**19.** L-artikolu 540 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kelma "subartikolu" għandha tidħol il-kelma "subartikoli"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Meta r-reat li għandu jiġi investigat ikun —

(a) serq, barra minn serq bi vjolenza kontra l-persuna; jew

(b) omiċidju involontarju jew offiża fuq il-persuna involontarja li jiġru f'inċident tat-traffiku;

il-Maġistrat jista', minflok li jagħmel aċċess fuq il-post, jordna lil uffiċjal tal-pulizija mhux taħt il-grad ta' spettur biex jistabbilixxi l-fatti rilevanti, u l-uffiċjal hekk maħtur u kull fotografu jew espert ieħor li jkunu qed jgħinuh għandhom jixhdu fl-inkjesta fuq il-fatti investigati u stabbiliti minnhom u għandhom jipproduċu r-ritratti kollha li jkunu ttieħdu u l-oġġetti jew id-dokumenti l-oħra kollha li jkunu rilevanti għall-investigazzjoni tagħhom.".

**20.** Fl-artikolu 542 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "żewġ xiehda u l-periti" għandhom jidħlu l-kliem "il-periti".

Emenda ta' l-artikolu 542 tal-liġi prinċipali.

**21.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 543 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "l-aċċess, u miż-żewġ xiehda ta' l-aċċess, imsemmijin fl-artikolu ta' qabel dan" għandhom jidħlu l-kliem "l-aċċess".

Emenda ta' l-artikolu 543 tal-liġi prinċipali.

**22.** Minnufih wara s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 544 tal-liġi prinċipali, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 544 tal-liġi prinċipali.

"(5) Il-proċess verbal għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-Maġistrat inkwirenti.".

**23.** Fl-artikolu 545 tal-liġi prinċipali, minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 545 tal-liġi prinċipali.

"(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, f'każijiet ta' mewt sobtu jew ta' mewt li ma jkunx magħruf il-kaġun tagħha, il-Maġistrat jista', minflok li jagħmel aċċess fuq il-kadavru, u bla ħsara għas-setgħat tiegħu taħt l-artikolu 546, jagħmel kif provdut fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 540, u meta jagħmel hekk id-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*".

**24.** Minflok l-artikolu 546 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 546 tal-liġi prinċipali.

"546. (1) Il-Maġistrat jista', meta jidhirlu meħtieġ, jordna l-ftuħ u l-eżami minn ġewwa tal-kadavru.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 545, il-Maġistrat jista' jaħtar espert mediku jew esperti mediċi u jista' wkoll jagħti lil dak l-espert jew lil dawk l-esperti s-setgħa li jisimgħu x-xhieda bil-ġurament biex jiġu stabbiliti l-identità tal-kadavru u l-kawża tal-mewt.".

**25.** Sabiex jiġi evitat kull dubju qed jiġi b'dan dikjarat illi d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 413, tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 444 u tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 445 tal-liġi prinċipali kif emendati b'dan l-Att għandhom japplikaw għall-proċessi kollha sew jekk mibdija qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

Disposizzjoni ta' dikjarazzjoni.

**26.** Jekk, malli jibda jseħħ dan l-Att, ikun diġa' ġie ppreżentat att ta' akkuża għal reat li l-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja għandha kompetenza dwaru skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 382 tal-liġi prinċipali kif emendat b'dan l-Att, u kemm l-Avukat Ġenerali kif ukoll l-akkużat f'xi stadju qabel ma tkun ġiet maħtura l-ġurija jkunu taw il-kunsens tagħhom b'nota li titqiegħed fl-atti tal-kawża sabiex il-każ jiġi trattat mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja skond l-imsemmi artikolu, allura l-Qorti Kriminali ma tibqax aktar kompetenti u minnufih ssir kompetenti li tittratta l-każ dwar ir-reati li jkun hemm fl-att ta' l-akkuża kif meħtieġ il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja:

Disposizzjoni transitorja.

Iżda l-Qorti Kriminali jew, meta jkun sar appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, tkun tista' tiddeċiedi kull eċċezzjoni li tkun saret f'xi wieħed mill-istadji msemmija fl-artikolu 461 jew fl-artikolu 466 tal-liġi prinċipali.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 381 tad-9 ta' April, 1980.

C. Agius
*Speaker*

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*